MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 502/2003

**Mario Fava**

**Vs**

**Daniela Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' sitt mija u erbgha u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm684.10) rappresentanti danni sofferti mill-attur f'incident stradli li sehh fis-7 ta' Dicembru 2002 meta gewwa Regional Road, Gzira, l-konvenuta b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru DAU 416, baqghet diehla fil-vettura misjuqa minn Joseph Fava bin-numru BAP 838.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta ipprezentata fis-7 ta’ April 2003 fejn hija ecceppiet illi t-talba attrici qed tigi ikkontestata stante illi l-konvenuta ma tahti xejn ghall-incident mertu ta’ dina il-kawza u minflok jahti unikament Joseph Fava, s-sewwieq tal-vettura numru BAP 838, li baqa’ hiereg minn mar-*roundabout* b’velocita eccessiva u kontra s-sinjali tat-*traffic lights*.

Sema' x-xhieda ta’l-attur u tas-sewwieqa involuti fl-incident mertu tal-kawza u cioe’ Joseph Fava u Daniela Grech, l-konvenuta, kif ukoll ta’ Ivan Farrugia xhud prodott mill-konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi fl-incident stradali mertu tal-kawza, l-vettura proprjeta ta’l-attur kienet qed tinsaq minn Joseph Fava, ibnu. L-incident sehh fi Triq Regjonali vicin it-*traffic lights* tar-*roundabout* li taghti ghal Gzira u San Gwann. Joseph Fava ighid illi huwa kien qieghed idur mar-*roundabout* u peress illi innota illi it-*traffic lights* kienu qed juru l-kulur ahdar hu baqa hiereg, minghajr ma waqqaf sabiex jaqbad it-telgha li tiehu lejn San Gwann. Kif kien ser jaghmel dan il-vettura misjuq mill-konvenuta li kienet gejja mid-direzzjoni ta’l-Universita’ baghqet diehla fil-genb tal-vettura tieghu fuq in-naha tal-passiggier. Dak in-nhar ta’l-incident kien hemm riekba mieghu certu Lorraine Darmanin, li pero’ ma xehditx f’dawn il-proceduri. Fava jikkontendi illi mad-daqqa, l-vettura tieghu giet spustjata u baqghet diehla gol-hajt. Fl-ebda mument qabel l-impatt huwa ma kien lemah il-vettura tal-konvenuta.

Min-naha taghha l-konvenuta ukoll tikkontendi illi l-kulur tat-*traffic lights* fejn kienet qed issuq hi, kienu hodor u kien ghalhekk illi hija baqghet issuq. Fil-fatt hija tispecifika illi kemm l-ewwel sett ta’ *traffic lights* li hemm fit-tarf ta’ dik il-parti tat-triq fejn kienet qed issuq, kif ukoll it-tieni set ta’ *traffic lights* li hemm mar-*roundabout* kienu hodor. F’hin

minnhom hija rat il-vettura misjuqa minn Joseph Fava gejja ghal fuqha b'velocita eccessiva. Hija ippruvat tevita l-kollizzjoni billi kissret l-*steering wheel*, izda dan kien kollu ghal xejn. Tispjega kif Fava baqa' tieghla fuq il-bankina u baqa' diehel fil-hajt tant illi kellhom jigu xi nies sabiex ighollu l-karozza u johorguha minn fejn kienet imwahhla. Il-konvenuta tispjega illi hija kienet qed issuq fil-karreggjata tan-nofs u l-ewwel darba li lemhet lil Fava huwa kien kwazi dar mar-*roundabout*.

Ivan Farrugia li kien riekeb bhala passiggier mal-konvenuta ukoll jikkonferma illi it-*traffic lights* kienu kulur ahdar u ghalhekk l-konvenuta baqghet issuq, izda f'hin minnhom gie Fava minn mar-*rounadbout* b'velocita eccessiva u baqa' diehel fihom.

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm l-incident stradali mertu tal-kawza sehh vicin *roundabout*, madankollu r-regoli tal-komportament tas-sewqan fil-post fejn sehh l-incident huma regolati permezz ta' *traffic lights* li jinsabu f'kull inkrocju u mhux permezz tar-regolamenti soliti li jirregolaw l-andament tat-traffiku mar-*roundabouts*.

Illi z-zewg sewwieqa involuti f'dan l-incident jikkontendu illi d-dwal tat-*traffic lights* kienu qed juru l-ahdar u kien ghalhekk li t-tnejn li huma intentaw johorgu minn fejn kienu qed isuqu. It-tnejn li huma jammettu illi fl-ebda mument ma waqqfu kif wasslu vicin dawn it-*traffic lights* u dana ghaliex jikkontendu illi dawn kienu qed jaghtu indikazzjoni li huma setghu ikomplu bis-sewqan taghhom. Illi t-Tribunal madanakollu ma jistax jara kif dana seta' gara u dana peress illi l-andament tat-traffiku huwa regolat permezz ta' dawn id-dwal appositament sabiex iwaqqaf traffiku gej minn direzzjoni wahda biex b'hekk jippermetti t-traffiku l-iehor li ikun qieghed jaqsam il-passagg tieghu illi ighaddi. Illi ghalhekk bil-fors illi l-verzjoni ta' xi wiehed minn dawn is-sewwieqa involuti f'dan l-incident hija inversomili ghaliex altrimenti tirrenja konfuzjoni fl-andament normali tat-traffiku f'dik il-parti tat-triq.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-verzjoni moghtija mill-konvenuta hija korroborata minn Ivan Farrugia, mentri l-attur naqas li itella' bhala xhud il-passiggiera li kienet riekba ma' Joseph Fava meta sehh l-incident. Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, meta x-xhieda taz-zewg partijiet hija ghal kollox konfliggenti fuq aspett tant importanti, bil-fors illi xhud okulari li jista' jikkoroborra verzjoni wahda tal-partijiet igorr maghha certu pis.

Illi l-konvenuta u ix-xhud prodott minnha jishqu illi z-zewg settijiet ta' *traffic lights* u cioe' dawk li jinsabu fit-tarf tat-triq fejn kienet qed issuq u is-sett l-iehor li jinsab mar-*roundabout*, it-tnejn kienu qed juru l-ahdar. Illi f'dik il-parti tat-triq ghandu jinghad illi dawn iz-zewg settijiet ta' *traffic lights* ma jaqilbux f'daqqa, izda l-ewwel ibiddel il-kulur l-ewwel sett, imbaghad jibdel it-tieni sett ftit wara. Dana iwassal lit-Tribunal biex iqies il-verzjoni moghtija mill-konvenuta iktar verosimili ghaliex kieku stess dawn it-*traffic lights* minn fejn kienet hierga kienu ser jaqilbu l-kulur, zgur illi it-tieni sett ta' dwal kienu ikunu qalbu ukoll fil-kulur ahmar.

Illi ghalhekk it-Tribunal jemmen illi Joseph Fava, li jidher li kien qieghed isuq b'velocita eccessiva, haseb illi d-dwal kienu wasslu biex jaqilbu l-kulur u ghalhekk baqa' hiereg minghajr ma ha il-prekawzzjoni li jivverifika jekk kienx gej traffiku mid-direzzjoni ta'l-Universita. Fil-fatt tant kien mghaggel sabiex johrog, illi ighid illi lanqas biss ra il-vettura tal-konvenuta qabel l-impatt, meta dina kienet qieghda issuq fin-nofs tat-triq u cioe' fil-karreggjata tan-nofs.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lil Joseph Fava unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u ghalhekk ighaddi sabiex jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------